MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2007

Numru. 1102/2005

Il-Pulizija
(Spettur Martin Sammut)

vs

David Pisani
Jason Pace

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' l-imputati David Pisani, iben Reginald u Pauline nee' Stafrace, imwieled fid-9 ta' Gunju, 1967, Sliema, u residenti Flat 2, Le Pilier Court, Triq it-Trill, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta' l-identita numru 243467M u

Jason Pace, iben Michael u Catherine nee' Ciantar, imwieled fid-29 ta' Mejju, 1981 Pieta u residenti 18, Triq il-

Flotta, Gzira, detentur tal-karta ta’ l-identita numru 264481M, li gew mressqin quddiemha akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer, nhar il-5 ta’ Marzu 2004, ghalll-habta tal-21.30hrs, gewwa Triq in –Naxxar, San Gwann:

Il-Ko-imputat David Pisani wahdu akkuzat talli :

1. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, waqt li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru CAR 734 tal-ghamla Lada, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Mauro Kitcher, u dan bi ksur ta’ Artikolu 226(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Saq il-vettura bin-numru CAR 734 tal-ghamla Lada b’manjiera bla kont, traskurata u perikoluza u dan bi ksur ta’ Artikolu 15 (1)(a) ta’ Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Ko-imputat Jason Pace wahdu akkuzat talli :

1. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, waqt li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru JAS 090 tal-ghamla Land Rover ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Mauro Kitcher, u dan bi ksur ta’ Artikolu 226 (1) (a) ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 6 ta’ Dicembru,2005 sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Rat li l-imputati taw kunsens li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident automobilistiku li sehh fil-5 ta' Marzu 2004 ghal habta tad-9:30pm fi Vjal ir-Rihan, San Gwann bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAR 734 tal-marka Lada misjuqa mill-imputat David Pisani u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAS 090 misjuqa mill-imputat Jason Pace. Fil-vettura ta' David Pisani kien hemm zewg passigiera Daniela Vella u Mauro Kitcher u dan ta' l-ahhar li kien rikeb fuq wara sofra griehi li gew klassifikati bhala ta' natura gravi (ara xhieda ta' Dr. Ruth Attard *a folio* 36 et seq. u d-dokumenti minnha esebiti *a folios* 38 u39).

Mill-provi rrizulta li l-imputat Jason Pace kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni JAS 090 fi Vjal ir-Rihan, San Gwann gej mid-direzzjoni tan-Naxxar u sejjer lejn San Gwann meta f'daqqa wahda l-vettura misjuqa mill-imputat David Pisani daret lejn il-lemin taghha sabiex tidhol fi Triq Kappella, li hija triq laterali li kienet tinsab man-naha tax-xellug taghha, sabiex b'hekk imblukkat il-karreggjata li kien qed jiprocedi fiha l-imputat Jason Pace u sehh l-impatt. Kemm *a tempo vergine* (ara verzjoni moghtija minn Jason Pace fir-*Road Accident Report* esebit a *folios* 27 sa 30 tal-process) kif ukoll meta xehed quddiem il-Qorti fis-seduta tat-8 ta' Gunju, 2007, l-imputat Jason Pace ikkonferma li l-imputat l-iehor David Pisani qabad u qasam minn quddiemu u li huwa ma kellux cans jieqaf.

L-imputat l-iehor David Pisani ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri. Mir-*Road Accident Report* jirrizulta li *a tempo vergine* huwa kien qal li kien qed isuq fi Vjal ir-Rihan u dar lejn il-lemin sabiex jidhol fi Triq il-Kappella u habat fil-vettura l-ohra li kienet qed tipprocedi l-isfel. Iz-zewg passiggiera li kienu fil-vettura misjuqa mill-imputat David Pisani, it-tnejn xehdu f'dawn il-proceduri. Mauro Kitcher li xehed fis-seduta tat-28 ta'April 2006 ma qal xejn dwar id-dinamika tal-incident izda spiega li bhala konsegwenza tal-istess incident huwa sofra griehi konsistenti fi ksur fil-

*pelvis* u li minhabba dawn il-griehi ghamel gimgha rikoverat l-isptar u erba' xhur id-dar ma jistghax jimxi. Huwa ikkonferma li illum il-gurnata huwa jista' jimxi b'mod normali. Daniela Vella, li ukoll xehdet fis-seduta tat-28 ta' April 2006, qalet li hija kienet *front seat passenger* fil-vettura misjuqa minn David Pisani u spiegat li meta waslu fl-inkrocju li hemm hdejn il-knisja ta' San Gwann, Mauro Kitcher li kien passiggier fuq wara, qal lill-imputat David Pisani sabiex idur lejn il-lemin u malli dan kiser lejn il-lemin hija rat dawl qawwi gej mill-vettura tal-marka Land Rover u sehh l-impatt. Daniela Vella tispjega li d-daqqa fuq il-vettura li hija kienet passiggiera kienet fuq wara. Hija tghid ukoll li m'ghandix ideja kif grat il-habta ghaliex "dak il-hin konna qeghdin nidku u nitkellmu."
Minn ezami bir-reqqa tal-provi l-Qorti jidhrilha li gie pruvat sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp kriminali li l-incident awtomobilistiku *de quo* sehh unikament minhabba sewqan traskurat da parti tal-imputat David Pisani li qabad u effetwa *right hand turn* f'post fejn ma setghax jeffetwa tali *right hand turn* (kemm mir-*Road Accident Report* kif ukoll mill-iskizz anness mal-istess *Road Accident Report* fil-fatt jirrizulta li fis-*centre strip* f'nofs it-triq hemm sinjal li jindika li vetturi ghandhom jipprocedu dritt u ma jistghux iduru, kif fil-fatt jirrizulta li ghamel l-imputat David Pisani.

Fil-fehma tal-Qorti dan l-agir da parti tal-imputat David Pisani jammonta ghal sewqan traskurat izda mhux perikoluz jew bla kont, u dan stante li huwa qabad u effetwa *right hand turn* f' post tat-triq fejn tali manuvra kienet projbita sabiex b'hekk imblokka l-karreggjata li kien qed jipprocedi fiha l-imputat Jason Pace u sehh l-impatt bejn iz-zewg vetturi u bhala konsegwenza ta' tali impatt Mauro Kitcher sofra griehi ta' natura gravi u Daniela Vella griehi ta' natura hafifa.

Il-Qorti jidrilha li ma giet pruvata ebda traskuragni jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti da parti ta' l-imputat Jason Pace u ghalhekk huwa qed jigi dikjarat mhux hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

In kwantu jirrigwarda l-griehi sofferti minn Mauro Kitcher, gie pruvat li dawn kienu ta' natura gravi izda ma giex

pruvat li l-istess griehi gabu l-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 218 tal-Kap 9. Il-piena inflitta fuq l-imputat David Pisani ghalhekk ser tkun dik stabbilita fl-Artikolu 226(1) (b) u mhux fl-Artikolu 226(1)(a). Kif diga rilevat aktar il-fuq Mauro Kitcher fil-fatt xehed li huwa illum il-gurnata jimxi b’mod normali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 226(1)(b) u 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li ssib lill-imputat David Pisani hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta’ mitejn u hamsin Lira Maltin (LM 250.00) u tiskwalifikah milli jzomm licenzja tas-sewqan ghal zmien xahar millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Jason Pace mhux hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tilliberah mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------